

Rikors ippreżentat fid-19 ta' Settembru 2013 — Éditions Quo Vadis vs UASI — Gómez Hernández (“QUO VADIS”)

(Kawża T-517/13)

(2013/C 352/35)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Éditions Quo Vadis (Carquefou, Franza) (rappreżentant: F. Valentin, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Francisco Gómez Hernández (Jacarilla, Spanja)

Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade Marks u Disinni), tal-10 ta' Lulju 2013, fil-Każ R 1166/2012-4.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark verbali “QUO VADIS” għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 29, 33 u 35 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 8 871 758

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: ir-rikorrenti

Trade mark jew sinjal invokat: ir-rikorrenti

Trade mark jew sinjal invokat: it-trade mark Franċiża Nru 92 422 947 għat-trade mark verbali “QUO VADIS” għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9, 38 u 42 u t-trade mark Franċiża Nru 257 750 għat-trade mark verbali “QUO VADIS” għal prodotti fil-klassi 16

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: oppożizzjoni milqugħha għal parti mill-prodotti u servizzi kkontestati

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: deċiżjoni kkontestata annullata u oppożizzjoni miċħuda

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja.

Rikors ippreżentat fit-23 ta' Settembru 2013 — Future Enterprises vs UASI — McDonald's International Property (MACCOFFEE)

(Kawża T-518/13)

(2013/C 352/36)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Future Enterprises Pte Ltd (Singapor, Singapor) (rappreżentanti: J. Olsen, B. Hitchens, R. Sharma u M. Henshall, Solicitors)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: McDonald's International Property Co. Ltd (Wilmington, I-ġistati Uniti)

Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tat-13 ta' Ġunju 2013 mogħtija fil-Każ R 1178/2012-1; u

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark Komunitarja rregistret li hija s-suġġett tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità: it-trade mark verbali “MACCOFFEE” għal prodotti fil-klassijiet 29, 30 u 32 — reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja Nru 7 307 382

Proprietarju tat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrenti

Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Motivazzjoni tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità: il-motivi kienu dawk imniżżla fl-Artikolu 53(1)(a) flimkien mal-Artikoli 8(1)(a) u (b), 8(2)(c) u 8(5) tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni: talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità milqugħha fl-intier tagħha

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja.